## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

**Nru. 356**

**AĠENT PRIM MINISTRU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Louis Grech, BA, MA (Oxon), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' April, 2015, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

L-24 ta' April, 2015
(OPM/81/2013/VIII)

**Nru. 357**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: TRK 156020
Post: Sit f'Ta' Sant' Agata sive Ta' Sgamardi, Sqaq tad-Debbiet, Sqaq Ta' Sant' Agata, Tad-Debbiet, Siġġiewi, Malta

Proposta: Biex tinbidel barriera f'art agrikola

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-20 ta' Jannar, 2015 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-2 ta' Marzu, 2015.

## GOVERNMENT NOTICE

**No. 356**

**ACTING PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Grech, BA, MA (Oxon), MP, Deputy Prime Minister and Minister for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Friday, 24th April, 2015, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

24th April, 2015

**No. 357**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK 156020
Location: Site at Ta' Sant' Agata sive Ta' Sgamardi, Sqaq tad-Debbiet, Sqaq Ta' Sant' Agata, Tad-Debbiet, Siġġiewi, Malta
Proposal: To convert quarry into agricultural field

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 20th January, 2015 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 2nd March, 2015.

| **Impatti potenzjali** *Potential Impacts* | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Trabijiet | Se jittieħdu l-miżuri kollha possibli li jinkludu tnaqqis tal-ħażna tal-iskart inerti u sprejjar bl-ilma sabiex jitnaqqsu t-trabijiet. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra li huma *standard* fil-permessi għal dan it-tip ta' żvilupp. |
| *Dust* | *All practical measures including minimisation of stockpiling of inert waste and spraying with water will be taken to reduce dust emissions. Standard permit safeguards will also be adopted.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Ix-xogħlijiet proposti se jsiru f'barriera u għalhekk mhuwiex mistenni li se jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet sinjifikanti. Dawn l-impatti se jkomplu jittaffew permezz ta' miżuri msemmijin fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007. |
| *Noise and vibration* | *The proposed works will be located within a quarry, thus significant noise and vibrations are not envisaged. Noise abatement measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007 shall further minimise these impacts.* |
| Tniġġis tal-ilma | Se jkun meħtieġ permess ambjentali sabiex jiġi żgurat li jintuża biss skart inert meta tintradam il-barriera, biex b'hekk ma jkunx hemm riskji ta' tniġġis tal-ilma. |
| *Water contamination* | *An environmental permit will be required to ensure that only inert waste is used for infilling the quarry, thus avoiding risks of water contamination.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

L-24 ta' April, 2015

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

24th April, 2015

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 19 tal-2015**

*B'żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 16 dwar il-Festival Internazzjonali ta' Logħob tan-Nar 2015 Ħruq ta' murtali f'Buġibba, San Pawl il-Baħar*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting,* Transport Malta, jgħarraf li b'żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 16 tal-2015 dwar ħruq ta' murtali li se jsir f'Buġibba, San Pawl il-Baħar, nhar is-Sibt, 2 ta' Mejju, 2015, il-ħruq ta' murtali issa se jsir minn fuq pontuni fl-10.00 p.m. (ħin lokali)

Il-baħħara huma mgħarrfa wkoll illi l-pontuni se jkunu mgħobbija bil-logħob tan-nar mill-Moll tal-Fekruna bejn il-Ġimgħa, l-1 u s-Sibt, it-2 ta' Mejju, 2015. Il-pontuni se jkunu rmunkati f'posthom nhar is-Sibt, it-2 ta' Mejju, 2015 f'żoni A, B, C u D għal ħabta tas-2.00 p.m. u għalhekk il-pontuni se jaqsmu il-Bajja ta' San Pawl bejn nofsinhar u s-2.00 p.m.

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma mwissija jżommu 'l bogħod tal-anqas distanza ta' mhux anqas minn 200 mill-pontuni waqt il-wirja msemmija hawn fuq. Il-baħħara għandhom jieħdu nota ta' hawn fuq u jbaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa. Huma għandhom ukoll jżommu 'l bogħod mill-pontuni meta dawn jkunu qed ibaħħru bejn il-Moll tal-Fekruna u ż-żona indikata.

*Charts* effetwati: BA 211b, 2538

L-24 ta' April, 2015

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 19 of 2015**

*Further to Notice to Mariners No. 16 regarding the Malta International Fireworks Festival 2015 Fireworks Display in Buġibba, St Paul's Bay*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that further to Notices to Mariners No. 16 of 2015 regarding fireworks display to be held in Buġibba, St Paul's Bay, on Saturday, 2nd May, 2015, the fireworks display will now be let off from pontoons at 10.00 p.m. (local time).

Mariners are also informed that the pontoons will be loaded with fireworks from il-Moll tal-Fekruna between Friday, 1st and Saturday, 2nd May, 2015. The pontoons will be towed on Saturday, 2nd May, 2015 to location in area A, B, C, D at about 2.00 p.m. hence the pontoons will be crossing il-Bajja ta' San Pawl between noon and 2.00 p.m.

All vessels and bathers are warned to keep well clear and maintain a safe distance of not less than 200 metres from the pontoons during the above mentioned display. Mariners are to note the above and navigate with caution and slow speed. They are to give a wide berth to the pontoons also while these are navigating between il-Moll tal-Fekruna and the indicated area.

Chart Affected: BA 211b, 2538

24th April, 2015